14.11.2012 A7-0339/1

**Emenda 1**
**Inês Cristina Zuber, João Ferreira, Jacky Hénin, Patrick Le Hyaric**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A7-0339/2012**
**Marianne Thyssen**
Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina
2012/2151(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Iqis ***neċessarju li l-governanza tal-UEM titqiegħed fi ħdan il-qafas istituzzjonali tal-Unjoni, li hija kundizzjoni preliminari għall-effikaċja tagħha u biex timtela d-differenza politika kurrenti bejn il-politiki*** nazzjonali ***u dawk Ewropej***; | 1. Iqis ***li huwa importanti li niżguraw is-salvagwardja tad-demokrazija u l-parteċipazzjoni effikaċi taċ-ċittadini, li jfisser li s-sovranità nazzjonali jeħtieġ li tkun difiża, u li l-istituzzjonijiet nazzjonali jitħallew jeżerċitaw ir-rwoli tagħhom bis-sħiħ u mhux jisfaw żvalutati jew jaraw is-setgħat tagħhom jiġu ttrasferiti lill-istituzzjonijiet sovranazzjonali tal-UE, b'mod partikolari billi jisaħħaħ id-dritt tal-parlamenti*** nazzjonali ***li jiddeċiedu dwar politiki tal-UE***; |

Or. en

**Emenda 2**
**Inês Cristina Zuber, João Ferreira, Jacky Hénin, Patrick Le Hyaric**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A7-0339/2012**
**Marianne Thyssen**
Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina
2012/2151(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Jistieden lill-istituzzjonijiet kollha jipproċedu malajr għall-massimizzazzjoni tal-possibbiltajiet mogħtija mit-Trattati eżistenti u l-elementi tagħhom ta' flessibbiltà u fl-istess ħin iħejju għall-bidliet neċessarji fit-Trattati sabiex jiġu ggarantiti ċ-ċertezza legali u l-leġittimità demokratika; itenni li l-għażla ta' ftehim intergovernattiv ġdid għandha tiġi eskluża***; | 2. ***Jitlob li l-ftehimiet u t-trattati li jiggvernaw is-sħubija fl-UE jitreġġgħu lura, u li l-istatus ta' kull pajjiż jiġi aġġustat skont ir-rieda taċ-ċittadini tiegħu u skont is-sitwazzjoni reali tiegħu, fejn klawsoli ta' nonparteċipazzjoni għal pajjiżi individwali jkunu permessi, jekk ikun meħtieġ***; |

Or. en



MT Magħquda fid-diversità MT

14.11.2012 A7-0339/3

**Emenda 3**
**Inês Cristina Zuber, João Ferreira, Jacky Hénin, Patrick Le Hyaric**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A7-0339/2012**
**Marianne Thyssen**
Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina
2012/2151(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jitlob li ssir bidla radikali fl-istatuti u l-linji gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew u fil-karta ta' indipendenza falza tiegħu, b'tali mod li tkun żgurata l-parteċipazzjoni ugwali tal-istati rappreżentati fil-bord tiegħu, biex jiġu garantiti minn naħa waħda l-kontroll politiku effikaċi tal-Istati Membri fuq il-BĊE u, min-naħa l-oħra, il-kontroll ta' kull Stat parteċipanti fuq il-bank ċentrali nazzjonali tiegħu u fuq il-politika monetarja nazzjonali tiegħu għall-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku u tal-impjiegi;*** |

Or. en

**Emenda 4**
**Inês Cristina Zuber, João Ferreira, Jacky Hénin, Patrick Le Hyaric**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A7-0339/2012**
**Marianne Thyssen**
Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina
2012/2151(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Jiddefeni d-dritt inaljenabbli tal-popli li jiddibattu u jesprimu r-rieda tagħhom, speċifikament permezz ta' referenda, rigward il-kontenut reali ta' kull trattat kurrenti u futur; jirrifjuta kull impożizzjoni, sfurzar jew restrizzjoni li tikser id-dritt sovran tal-popli li jiddeċiedu l-politiki ekonomiċi tal-pajjiżi rispettivi tagħhom; jesiġi li t-tmexxija politika u demokratika tal-proċess ta' żvilupp terġa' tiġi stabbilita bis-subordinazzjoni tal-poter ekonomiku għal dak politiku demokratiku u bid-difiża ta' settur finanzjarju dominanti u dinamiku;*** |

Or. en

14.11.2012 A7-0339/5

**Emenda 5**
**Inês Cristina Zuber, João Ferreira, Patrick Le Hyaric**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A7-0339/2012**
**Marianne Thyssen**
Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina
2012/2151(INI)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Jenfasizza l-ħtieġa għal baġit komuni msaħħaħ li jissejjes fuq żidiet proporzjonali fil-kontribuzzjonijiet ta' dawk l-Istati Membri b'livell ogħla ta' introjtu nazzjonali gross, jiżgura funzjoni ta' ridistribuzzjoni, jippromwovi konvrġenza reali u jibbaża fuq il-progress soċjali, appoġġ għas-setturi produttivi u t-tisħiħ tas-servizzi pubbliċi, u impjiegi mogħnija b'jeddijiet; jemmen, barra minn hekk, li l-iżvilupp tal-potenzjal ta' kull pajjiż għandu jkun sostnut fuq il-bażi tar-riżorsi naturali tiegħu u l-protezzjoni tal-ambjent; iqis li l-għan ewlieni jeħtieġ li jkun it-twettiq ta' koeżjoni ekonomika u soċjali effikaċi;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità